## 26 ta' Frar, 1964

**Imhallef:**

## Onor. Dr. E. Magri LL.D.

Monsignor Giuseppe Maria Scerri

*versus*

Giorgina armla Scerri.

**Mandat Kawtelatorju — Revoka — Solvibbiltà tad-debitur — Danni u Penali — Art. 849 (2), (3), (4) tal-Proċedura Ċivili.**

*L-Artikolu 849 (2) (3) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iħalli kompletament fid-diskrezzjoni tad-debitur l-għażla tal-proċedura li permezz tagħha jitlob ir-revoka tal-mandat.*

*Il-prova tas-solvibbilta' tad-debitur tispetta lid-debitur stess u trid tkun konklusiva u preċiża.*

*Il-penali għandha tiġi akkordata meta l-mandat ikun ġie ottenut in male fede, jew b'dolo mentri r-rifużjoni ta' danni u interessi tista' tiġi mogħtija anki f'każi ta' kolpa li tkun ekwiparata għall-negliġenza, imprudenza u disattenzjoni.*

*Il-kundanna komtemplata fl-art. 849 (4) tal-proċedura Ċivili għall-penali u danni u interessi, hija għall-Qorti fakoltattiva u mhux preċettiva, u għandha tiġi eserċitata skond iċ-ċirkustanzi.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti meħtie-

ġa u opportuni, u speċjalment id-dikjarazzjoni li l-konvenuta ma setgħetx taħlef għall-ispedizzjoni tal-mandat kawtelatorju tat-23 ta' Mejju, 1962, għan-nom tat-tfal tagħha Mary Rose u Joseph Scerri għaliex kienu maġġorenni, kif jidher miċ-ċertifikati esibiti (Dok. A u B u C) peress li l-istat tal-attur kien hekk magħruf li ma kienx jagħti lok biex wieħed jaħseb li hu ma kienx solvibbli fiż-żmien tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni tal-attur; liema stat finanzjarju tal-attur kien ra konoxxenza tal-konvenuta li tiġi mill-attur; per ciò it-talba tal-ispedizzjoni tagħhha kienet, evidentement, vessatorja, talab li dina l-Qorti tirrevoka l-mandat tas-sekwestru kawtelatorju maħruġ fit-23 ta' Mejju, 1962 għar-raġuni fuq imsemmija, u li l-konvenuti jiġu kundannati għall-ħlas tad-danni u barra minn dan għall-piena ta' mhux iżjed min mitt lira sterlina favur l-attur skond l-Artikolu 849 (4) (6) tal-Proċedura Ċivili; bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-protest tas-7 ta' Ġunju, 1962 kontra l-konvenuti.

Rat . . . omissis . . .

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu li:—

1: **Preliminarment** l-attur kien imissu ġieb il-quddiem it-talbiet tiegħu fil-kawża pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet John Scerri vs. Reverendu Dun Giuseppe Maria Scerri (ċitazzjoni 264/55F) li tinsab differita għall-24 ta' Ottubru 1962 u dana skond it-termini tal-art. 849 (2) tal-Kap. 15;

2: **Subordinatament u fil-meritu** t-talbiet attriċi huma fid-dritt u fil-fatt infondati stanti li (a) il-kreditu kawtelat bil-mandat in kwistjoni huwa dovut indiviżament lilhom; u

(b) l-imsemmi mandat ġie presentat minnhom skond it-termini tal-art. 832 et sequens tal-imsemmi Kodiċi biex iqegħdu fiż-żgur il-jeddijiet tagħhom u mingħajr ebda vessazzjoni ta' xejn u li l-attur ma sofriex danni; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat il-proċess ċivili nru 264/55 fl-ismijiet John Scerri vs. Saċ. Rev. Dun Giuseppe Scerri pendenti quddiem dina l-Qorti, diversament presjeduta;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet l-avukati tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Li, l-attur li miet fil-mori tal-ġudizzju u llum huwa rappresentat mill-eredi tiegħu Salvina Scerri, qiegħed jitlob irrevoka tal-mandat tas-sekwestru kawtelatorju maħruġ minn dina l-Qorti fit-23 ta' Mejju, 1962 (1) għar-rigward tal-konvenuti Mary Rose u Joseph aħwa Scerri għax kienu maġġorenni u għalhekk il-konvenuta ommhom Giorgina armla Scerri ma setgħetx taħlef għalihom għall-ispedizzjoni tal-istess mandat; u (2) għar-rigward tal-konvenuti l-oħra għaliex l-istat tal-attur kien hekk magħruf li ma kienx jagħti lok biex wieħed jaħseb li ma kienx solvibbli fiż-żmien tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq il-pretensjoni tal-attur; liema stat finanzjarju kien a konoxxenza tal-konvenuta li tiġi mill-attur;

Ikkunsidrat:

Li għar-rigward ta' l-ewwel kwistjoni, irriżulta li fil-mument li ġie maħluf u preżentat il-mandat tas-sekwestru in kwistjoni s-sekwestranti Mary Rose u Joseph aħwa Scerri, kienu maġġorenni; għaliex il-mandat ħareġ fit-23 ta' Mejju, 1962 u skond ċertifikati tal-magħmudija esibiti Joseph Scerri twieled fl-20 ta' Frar, 1943 u Mary Rose Scerri twieldet fis-6 ta' Marzu, 1942.

Ikkunsidrat:

Li skond ir-reġistrazzjoni tad-Deputat Reġistratur "in calce" tal-istess mandat jidher li l-ġurament ġie diferit lill-konvenuta Giorgina Scerri biss, li, skond l-okkju tal-istess mandat kienet qegħda tagħmel it-talba relativa għan-nom tagħha u bħala "kuratriċi ad litem" anki tal-imsemmija żewġ uliedha Joseph u Mary Rose aħwa Scerri, li f'dak il-mument kienu maġġorenni.

Ikkunsidrat:

Li, malli għalqu l-età rikjesta mill-liġi, l-imsemmija Joseph u Mary Rose Scerri ma kellhomx bżonn ta' ebda rappresentanza ġudizzjali, għaliex huma ipso facto saru "sue juris", u billi jinsabu preżenti f'dawna l-Gżejjer, ma setgħux jiġu rappreżentati minn mandatarju fuq l-imsemmi mandat, konsegwentement il-mandat maħruġ u maħluf mill-konvenuta Giorgio Scerri għan-nom ta' uliedha Joseph u Mary Rose Scerri, ġie ottenut invalidament għar-rigward tal-istess uliedha, billi huma li setgħu jitolbuh, u jaħilfu l-kontenut tiegħu, ma dehrux personalment k'f messu sar (art. 834 (2) (3) Proċ. Ċiv.). Għalhekk ir-revoka tal-istess mandat, in kwantu tirrigwarda lill-imsemmija aħwa Scerri,

jisthoqqilha li tiġi milqugħa.

Ikkunsidrat:

Li l-konvenuta otteniet l-ispedizzjoni tal-imsemmi mandat fil-kors tal-kawża (Ċitaz. Nru. ġ64/55F) fl-ismijiet "John Scerri vs. Rev. Dun. Giuseppe Maria Scerri", u għalhekk qegħda tippretendi li l-ġudizzju odjern ma kienx hemm loku in vista tad-disposizzjoni tal-art. 849 (2) tal-Proċedura Ċivili, liema artikolu huwa applikabbli għall-mandat tas-sekwestru in forza tal-artikolu 852 tal-istess Proċedura Ċivili.

Ikkunsidrat:

Li l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenuta hija kontemplata mill-art 849 (3) mhux (2) kif jinsab indikat fl-istess nota tal-eċċezzjonijiet. Il-Qorti, però, hija tal-fehma li d-disposizzjoni fuq imsemmija ma tipprekludix lill-attur, kif del resto għamel, li jintroduċi l-azzjoni separata mill-pretensjoni tiegħu għall-konsiderazzjonijiet segwenti:—

(a) Għaliex ma irriżultax l-konvenut (l-attur tal-lum) ipprevalixxa ruħha mill-fakultà li jitlob imqar bil-fomm li l-Qorti tneħħi l-mandat qabel ma tagħti sentenza fuq il-mertu tal-pretensjoni tal-attur;

(b) Għaliex f'dak l-Artikolu l-liġi tħalli kompletament fid-diskrezzjoni tad-debitur l-għażla tal-proċedura; infatti jingħad li l-Qorti "tista" tneħħi l-mandat; u ma hemm ebda obbligu impost lill-Qorti; anki jekk dina tiġi mitluba li jsir hekk.

(c) Għaliex dina l-proċedura hija kollha basata fuq

provi li jirrisultaw "prima facie" u għalhekk ma jistgħux jiġu applikati għal dana l-artikolu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 849 (4) tal-Proċedura Ċivili, billi trattandosi ta' danni ta' penali, mhuwiex leċitu li d-deċiżjoni tagħhom tiġi meħuda mill-Qorti fuq sempliċi talba bil-fomm, fi proċedura sommarja, u mingħajr ma jista' jsir appell minnha.

Ikkunsidrat:

Li la darba l-attur seta' jistitwixxi dina l-azzjoni, huwa xieraq li jiġi eżaminat, jekk taħt iċ-ċirkustanzi, il-konvenuta kienitx ġustifikata li tottjeni l-ħruġ tal-mandat tassekwestru in konsiderazzjoni ta' dak li jiddisponi l-art. 832 tal-Proċedura Ċivili.

Ikkunsidrat:

Li, mix-xhieda, mhux kontradetta, tal-attur irriżulta li meta sar il-mandat, dana kien jipposjedi b'titolu ta' proprjetà, u "pro indiviso" ma oħtu, il-bini indikat fid-deposizzjoni tiegħu a fol: 25 tal-proċess, u li għandu £1500 Defence Bonds, u £150 fil-Barclays Bank; irriżulta, ukoll, li l-attur kien qiegħed jagħmel xi insistenzi mal-konvenuta li taċċetta somma ferm inferjuri għal dik minnha pretesa fil-kawża fuq riferita, u ċċedi l-istess kawża, għaliex jekk jitlef ma kienx sejjer iħallas ebda sold; irriżulta ukoll, li għalkemm il-konvenuta kienet taf lill-attur, ma kienitx a giorno tal-istat finanzjarju tiegħu b'mod, li imħabba l-atteġjament tal-attur fil-kawża, tista' isserraħ rasha li l-jeddijiet tagħha, anki mingħajr dana l-mandat, kienu kawtelati.

Ikkunsidrat:

Li l-attur qiegħed isostni l-pretensjoni tiegħu fuq l-

allegazzjoni li huwa persuna notarjament solvibbli, liema solvibilità għandha tiġi konsidrata in konformità ma dak li jiddisponi l-art. 849 (4) (c) tal-Proċ. Civ. u cioè "Jekk l-istat tad-debitur kien hekk magħruf li ma kienx jagħti raġun tajba biex wieħed jaħseb li hu ma kienx ikun solvibbli fiż-żmien tal-esekuzzjoni tas-sentenza " Dina d-disposizzjoni skond il-ġurisprudenza lokali, ġiet kommentata fissens li hija meħtieġa l-prova ta' fatti li jwasslu lill-ġudikant jirritjeni li l-esekutant kin jaf li d-debitur tiegħu ma kienx fi stat ta' insolvenza "e tale prova incombe al debitore e deve essere concludente e precisa" (Kollez. XVI, 1, 110), u ġie ukoll ritenut, li dana l-artikolu għandu jiġi interpretat li "per rendere responsabbli il ricorrente in faccia al debitore, non basta che il pericolo non si avveni, ma è necessario che sia dimostrata la malafede del creditore con la notaria solvenza del debitore" (Kollez. XVII, 111, 3; XXVII, 111, 406; XXIX, 111, 283;) li dana l-konċett talmalafede huwa regolabbli skond il-lokuzzjoni diversa taddisposizzjonijiet tal-liġi li minnhom għandu jiġi desunt li l-penali għandha tiġi akkordata meta l-mandat ikun ġie ottenut in malafede, jew b'dolo, mentri ir-refusjoni ta' danni u interessi tista' tiġi mogħtija anki f'każi ta' kolpa (Kollez. XXXVIII, 111, 692), li tkun ekwiparata għal negliġenza, imprudenza u disattenzjoni (Kollez. XIII, 434, XXVIII, 111, 1067 u s-sentenzi ċitati fiha).

Ikkunsidrat:

Li, għalkemm, jista jkun li l-konvenuta kienet taf li l-attur kien jipposjedi beni stabili, iżda jekk ma kellhiex konjizzjoni ċara u preċiża li dawna kienu ta' proprjetà esklusiva tiegħu, u li kienu immuni minn dejn, dina l-konoscenza "Non fa si che lo stato economico dell'attore era notariament solvibile al tempo dell'esecuzione della sentenza, che

si sarebbe data sulla pretesa dell'attrice" (Kollez. XXI, 1, 203).

Ikkunsidrat:

Li, dina l-Qorti hija tal-fehma li, skond dak li irrisulta, il-konvenuta meta otteniet l-imsemmi mandat ma kienitx in malafede, u anqas aġixxiet negliġentement, molto più meta wieħed jikkunsidra li l-pretensjoni dedotta kienet ilha pendenti quddiem il-Qorti, almenu seba' snin, u l-attur ma għamel xejn biex il-kreditriċi tiegħu tkun tista' tħosha rassigurata dwar dina l-pretensjoni, li ma kienitx tagħha biss iżda kienu involuti fiha l-interessi ta' udieha minuri, li tagħhom kienet qegħda taġixxi bħala "kuratriċi ad litem".

Ikkunsdrat:

Li l-kundanna kontemplata fl-art 849 (4) tal-Proċ. Ċiv. għal penali u danni u interessi, hija għal Qorti fakoltativa, u mhux preċettiva, u għandha tiġi eserċitata skond iċ-ċirkustanzi (Kollez. XXXI, 1, 202, XXXII, 111, 406; XXXIII, 11, 328).

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi (1) billi tiddikjara li l-mandat tas-sekwestru maħruġ mill-konvenuta Giorgina Scerri għan-nom ta' uliedha Mary Rose u Joseph aħwa Scerri, ġie hekk ottenut invalidament, u għalhekk qiegħed jiġi revokat bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti Mary u Joseph Scerri, però stanti ċ-ċirkustanzi, m'għandhomx jiġu applikati għalihom issanzjonijiet kontemplati fl-art. 849 (4) (c) Proċedura Ċivili; u (2) tiċħad it-talba tal-attur in kwantu diretta kontra il-konvenuti l-oħra, bl-ispejjeż kontra tiegħu.